L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha 14 ta' Frar, 2003

## Kalendarju ta' protesti

Mid-dehra, l-uniku mezz kif il-popli Ewropej jistghu juru fehmthom lejn id-decizjonijiet li jittiehdu minn fuq, huma l-protesti! Digà gara li fi protesti, pacifici jew m'humiex, fejn sezzjonijiet tal-poplu hargu fit-toroq biex juru l-ghadab taghhom lejn il-gvernijiet taghhom, inqala' nkwiet kbir, tkissru twieqi ta' hwienet u sahansitra m'ilux f'Ruma, inqatel zaghzugh (ghalkemm dan l-avveniment partikolari ma kienx marbut ma' protesta kontra xi mizura ta' l-Unjoni Ewropea).

Jista' jkun li nasal li nifhem lil Nigel Farage, il-Membru Parlamentari Ewropew Ingliz, li dan l-ahhar kien f'pajjizna, li fl-Unjoni ghad tinqala' xi wahda kbira u tinholoq "rivoluzzjoni". Ghalkemm ma tantx naqbel ma Farage ghax miniex daqshekk qalbi maqtugha, mill-banda l-ohra li taqra kalendarju shih ta' protesti mhejjija bil-quddiem minn ghaqdiet u trejdjunjons, xejn ma jawgura tajjeb.

Il-popli Ewropej qeghdin johorgu fil-miftuh jghidu li l-kbarat m'humiex qeghdin jaghtu widen taghhom li, kull decizjoni li ttiehed, qieghda tittiehed kif jaqbel lill-industrijalist u mhux kif jaqbel lill-haddiem, u li l-faqar qed jikber. Dan hu dak li juri l-programm shih ta' protesti imhejjija minn ghadd ta' trejdjunjons Griegi maghmula minn ghadda ta' haddiema, fosthom anki pulizija.

Fil-fatt m'ilux saret protesta f'Nafphlion, il-Grecja, matul laqgha li saret bejn il-Ministri tal-pajjizi membri ta' l-Unjoni dwar l-impjiegi. Il-protesta talbet, fost ohrajn, il-gurnata tax-xoghol tal-haddiem tinzel ghal seba' sighat kuljum, li l-gimgha tax-xoghol issir ta' 35 siegha u li jkun hemm laqgha li ssir bejn il-Ministri tal-pajjizi membri ta' l-Unjoni dwar l-impjiegi. Il-protesta talbet, fost ohrajn, li l-gurnata tax-xoghol tal-haddiem tinzel ghal seba' sighat kuljum li, l-gimgha tax-xoghol issir ta' 35 siegha u, li jkun hemm zjieda fil-pagi u l-pensjonijiet.

Kull min ipprotesta talab ukoll li, ma jkunx hemm kummercjalizzazzjoni ta' l-edukazzjoni u s-servizzi tas-sahha u, li jkun hemm aktar beneficcji socjali u jitnaqqas il- qghad. Fost dawn, partikulari hija l-pensjoni li, l-gimgha l-ohra, imbaghad lahqet il-qofol taghha bi protesti kbar li gew organizzati mill-pensjonanti mhux fil-Grecja stess, imma fi Franza.

### Protesti bil-quddiem, u kif tkun gwerra Civili!

Barra min hekk, it-trejdujunjons Griegi hejjew lista shiha ta' protesti, mill-inqas tlieta kull xahar sa Gunju, meta se jsir is-*summit* ta' l-Unjoni Europea fil-Grecja.

Li hu interessanti, huwa, li, fil-protesti ta' Nafphilion saru protesti kemm minn fuq il-bahar, kif ukoll minn fuq l-art, u dawn twaqqfu mill-Pulizija wara li l-istess Pulizija jew sezzjoni minnhom ukol kienu qeghdin jipprotestaw maghhom!

Fil-fatt il-protesti tal-Pulizija ma jaghtux biss xejra umoristika tas-sitwazzjoni, imma fil-fatt, iqajmu hsibijiet koroh billi hawnhekk qeghdin jitkellmu fuq sezzjoni miz-zamma tal-paci pubblika tal-pajjiz. Dan jista' jqajjem thassib, billi kif jaf kulhadd, kemm il-Pulizija kif ukoll is-suldati, jekk ixellfu l-alleanza ma' l-istat taghhom u, ma jwaqqfux il-protesti ghax jappoggjawhom, jistghu jwasslu ghal protesti u vjolenza bla kontroll – u ghal min ma jafx x'ikunu gwerer civili u rewwixti – dak li huma!

Folol kbar ta' nies bla kontroll bl-appogg tal-forzi taz-zamma tal-paci tal-pajjiz! Nawgura li fil-kontinent Ewropew qatt ma jerga' jasal dan iz-zmien.

**Bomba tal-hin!**

Imma, issa, nixtieq naqleb kemmxejn is-suggett biex nerga' lura lejn il-protesti mill-pensjonanti Francizi. Kont diga' tkellimt dwar il-bomba tal-hin li tezisti fl-Unjoni Ewropea rigward pensjonijiet.

Din il-bomba tal-hin lill-ebda ekonomija ma tista' twaqqaf, hija dik li nghidulha, f'termini teknici, il-bomba demografika. Miniex se nikkwota zminijiet ezatti, imma fil-gejjieni qrib, jigifieri bejn 10 u 20 sena, il-popolazzjoni ta' l-Unjoni se tkun wahda maghmula minn maggoranza kbira ta' anzjani, kollha jistennew il-pensjoni, u 'minoranza' ta' zghazagh, jigifieri haddiema.

Wiehed jista jahseb li dan jghin biex jinzel il-qghad. Imma min-naha l-ohra, dan il-fenomenu inevitabbli se jwassal biex l-istati jnaqqsu drastikament il-beneficcji socjali taghhom lill-anzjani biex inaqqsu n-nefqa pubblika taghhom.

Lanqas m'jien ezattament konxja tas-sitwazzjoni f'Malta f'dan l-aspett, imma nemmen li, ghalkemm mhix wahda daqshekk allarmanti, bhall-Unjoni, f'Malta, se jasal zmien, fejn ikun hawn bosta snin, fejn ikun hawn hafna pensjonanti li jibbilancjaw sew in-numru ta' haddiema.

Bi shubija shiha fl-Unjoni, jista' jkun li anke f'Malta nkunu qeghdin nifthu l-bibien berah ghal din il-problema biex tolqotna wkoll maghhom. Shubija shiha fl-Unjoni tista' ggib *spill over effect* ta' din il-problema wkoll.

It-tentattiv tal-pajjizi membri fl-Unjoni mhux hlief tattika biex tipprova tbieghed dan il-kollass fl-ekonomija tal-pajjizi. Probabbilment il-gvernijiet qeghdin jippruvaw jbiddlu l-etajiet tal-pensjonijiet bir-ragun biex jippuvaw imewtu kemm jista' jkun ix-xokk li tista' tohloq sitwazzjoni demografika (ta' popolazzjoni) bhal din.

Il-proposti huma, li l-età, meta wiehed johrog bil-pensjoni, se tizdied biex bejn il-pajjizi kollha digà membri, l-inqas zmien li fih tkun tista' tinghata l-pensjoni jkun ta' 64 sena. Dan ifisser zjieda ta' hames snin aktar mal-medja.

Probabbilment, ukoll li dan huwa biss preludju jew l-ewwel toghma ta' tnaqqis drastiku li se jittiehed b'mizura wara l-ohra, li fl-ahhar mill-ahhar se jgib inezistenti l-pensjonijiet, u jibqghu biss dawk it-tipi ta' *life policies* ta' l-*insurance* privati li s'issa kienu dejjem lussu ghal min irid iqatta' hajtu ahjar ta' età kbira.

Meta wiehed janalizza l-proposti ta' l-istati membri u x'konnessjoni jista' jkollhom mal-qghad, huwa ovvju li dawn se jzidu l-problema tal-qghad! Mentri l-problema ezistenti tal-qghad hija digà kbira, il-fatt li l-haddiema jitilqu mix-xoghol xi hames snin wara milli jitilqu; se jaghmlu inqas spazju ghall-haddiema zghazagh bil-konsegwenza li dawn jisfaw iktar bla xoghol!

Jigifieri probabbilment is-sitwazzjoni ghalkemm tista' tigi 'l quddiem ghall-Gvern, se tkun aktar lura ghal dak ic-cittadin zaghzugh li jixtieq isib jahdem. U probabbilment ukoll, il-gvernijiet se jqisu l-inizjattivi taghhom bhala success u, jista' jkun li, hekk ikunu, imma, ma ninsewx li dawn dejjem jitkellmu fuq livell "nazzjonali" u mhux individwali.

Fl-Unjoni kemm-il darba nitkellmu fuq kemm ghandu paga min ghandu x-xoghol, imma qajla nitkellmu fuq kemm m'ghandu xejn min m'ghandux xoghol! Fil-fehma tieghi, li esprimejtha wkoll fil-laqghat li qed ikolli mac-cittadini meta nzurhom fi djarhom, ahjar kulhadd ikollu xoghol u, allura, kulhadd ghandu dritt ghal paga inqas fil-gimgha, imma bi dritt, milli, min ghandu paga gholja u min m'ghandu xejn!

Biss biss, jekk int taghti xoghol lil persuna, hi min hi, jaghtiha kemm jaghtiha flus ta' xogholha, anke jekk ftit, tajtha dinjità u tajtha mod kif tqatta' l-gurnata, u kif thossha utli ghas-socjetà. Tajtha wkoll tama li xi darba tikseb xi haga b'dak li taqla', u li, xi darba, tista' ssib xoghol ahjar.

Imma min huwa tabilhaqq bla xoghol, kif jezistu hafna zghazagh, fl-Unjoni, partikularment fil-gzira gara taghna, Sqallija; iz-zghazagh jibqghu bla flus; bla dinjità; bla esperjenza u jhossuhom imwarrbin mis-socjetà, u, ghalhekk ukoll, imbaghad, billi jitilfu kwalunkwe tama; jaqghu fil-vizzji tax-xorb; serq u droga (ghalhekk ma jkollhomx biex jixtruha!...; U, ifhmuni! ) kemm-il darba nsostni li ahjar ftit ghal kulhadd, milli l-hafna fuq il-ftit! Ghax inkella jkollu ragun "Robin Hood" jisraq lis-sinjur biex jaghtihom lill-fqir!

**Il-laqgha tal-gimgha**

L-ahhar nota tieghi ghal-lum hi dwar persuna anzjana pensjonanta mill-Mellieha, li kellmitni proprju fuq is-sitwazzjoni ta' l-anzjani, romol Maltin. Minhabba s-sistema mahluqa mis-*Social Security Act*, is-sistema tal-pensjonijiet f'pajjizna tohloq hafna problemi socjali ghall-pensjonanti.

L-ewwelnett, gibditli l-attenzjoni li, ironikament jekk mara tkun mizzewga u zewgha kellu pensjoni doppja, tirithom it-tnejn, waqt jekk tkun hadmet hija wkoll u hallset il-bolla, tiehu l-pensjoni tar-romol, li hi mizera. L-istess, jekk ir-ragel kellu pozizzjoni u paga gholja matul hajtu u tormol il-mara, din se tiehu pensjoni aktar minn wahda li tkun hadmet hi wkoll.

Barra minn hekk, Maria Mifsud semmietli li tezisti anomalija ohra, fejn l-anzjani jekk jizzewgu, jitilfu mill-pensjoni – ghalhekk din tista' twassal biex koppji anzjani jaghzlu li ma jizzewgux!

Hi semmietli wkoll kif il-pensjoni medja hija tabilhaqq redikola ghall-ispejjez li jkollu jhallas xi hadd anzjan, u kif jekk bhala anzjana jew anzjan ikollok Lm7,000 il-bank, li m'humiex hafna ghall-ispejjez tal-medicini ta' anzjan, ma tkunx intitolata ghall-karta r-roza, u jkollok tfendi ghal rasek, mentri kulhadd jaf kemm hemm spejjez involuti, partikularment jekk l-anzjan ikollu l-marda tad-dijabete; li hija wisq komuni.

Nirringrazzja hafna lil din is-sinjura u nixtieq nghid, li kkwotajtha ghax bhala problema ma semmietx taghha biss, imma tkellmet ukoll ghal kull min huwa f'sitwazzjoni bhalha.

Minn gimgha ghal gimgha, se nibda nikkwota l-problemi jew informazzjoni li jidhirli li ghandi nikkummenta fuqhom f'din il-kolonna li, jkunu kellmuni dwarhom nies bhalkom, fiz-zjarat "bieb bieb" bhala parti mill-kampanja elettorali tieghi.

Nirringrazzja bil-wisq lil dawk kollha li qeghidn jilqghuni f'darhom u, li, qeghdin joffruli gharfien iktar fond tal-hajja ta' kuljum, li qieghed jghix il-poplu Malti.

Nammetti, li qatt ma nixba' nitghallem minghand haddiehor, partikularment minghand dawn in-nies li, dak li tghallmu ma tghallmuhx mill-kobta, imma mill-esperjenza!

**Awguri!**

Nawgura wkoll lil Lyn Chircop ghas-success taghha fil-kontest tal-kanzunetti *Song for Europe* u, nittama, li, permezz tal-kant, naghtu impressjoni tajba ta' pajjizna barra minn Malta kif dejjem ghamilna.

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*